TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NUMRU 426

KAZ NRU. 632

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Il-Movement of United
Bank Employees

u

L-Bank of Valletta

dwar nuqqas ta' qbil rigward
l-interpretazzjoni tal-
Ftehim tas-6 ta' Dicembru
1983 u tas-27 ta' Awissu 1988

Datat - 16 ta' Jannar 1992

Chairman:- Is-sur Carmel Debono

Membri :- Is-sur Michael J. Mallia

Is-sur Salvino Spiteri

DECIZJONI PRELIMINARI

Din it-Tilwima tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata t-2ta' Ottubru, 1991 skond Taqsima III tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali mill-Onor. Ministru ghall-Politika Socjali.

It-Tribunal zamm zewg (2) seduti.

Ghall-Movement of United Bank Employees deher is-sur John Falzon, assistit mill-avukat Tonio Micallef Trigona, waqt li ghall-Bank of Valletta deher is-sur Hubert Caruana assistit mis-sur Albert J. Tabone.

.../2

B'referenza ghall-eccezzjoni preliminari tal-Bank of Valletta li l-materja disputata riferita lill dan it-Tribunal ma tikkostitwix-xix tilwima tax-xoghol ghax skond il-Bank of Valletta il-materja disputata ma taqa' taht l-ebda Ligi Industrijali ezistenti, t-Tribunal stharreg u kkunsidra bir-reqqa li statement of case tal-Bank u t-trattazzjoni taz-zewg partijiet kif espressi verbalment u "tape recorded" fis-seduta tas-26 ta' Novembru 1991.

Id-definizzjoni f'Artiklu 2(1) tal-conditions of Employment Regulation Act dwar xi tfisser "conditions of employment" tistipula li din tfisser pagi, l-perjodu ta' l-impjieg, sieghat tax-xoghol u leave.

Taht artiklu 10 ta' l-istess Att, hemm ukoll dan il-kliem:
"------- <u>jew dawk stabbiliti fi Ftehim Kollettiv jew bi ftehim volontarju</u> --------"

L-Industrial Relations Act tal-1976 telenka l-materji li dwarhom jista jkun hemm tilwim tax-xoghol; l-istess ligi taht Artiklu 2(1) tistabbilixxi id-definizzjoni ta' "trade dispute" fejn tiddikjara li din tfisser "----- tilwima bejn min ihaddem u min jahdem, jew bejn haddiema u haddiema, li hi konnessa ma xi wahda jew izjed mill materji segwenti".

Wahda mill-materji segwenti fl-Industrial Relations Act fl-istess definizzjoni ta' "trade dispute" taht sub-artiklu (a) taqra hekk:- "pattijiet u kundizzjonijiet ta' impjieg, jew il-kundizzjonijiet fizici li tahthom xi haddiema jkunu mehtiega jahdmu".

Fil-fehma tat-Tribunal il-kliem uzat f'din id-definizzjoni jkopri wkoll kundizzjonijiet tax-xoghol li ghalkemm ma humiex

identifikati specifikament jikkwalifikaw bhala tilwima tax-xoghol.

It-Tribunal ghalhekk jiddikjara li l-materja disputata riferita ghall-kunsiderazzjoni tieghu f'dan il-kaz tammonta ghall-tilwima tax-xoghol u taqa' fil-kompitu tieghu biex tigi ttratata minnu dwar il-meritu.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Michael J. Mallia
MEMBRU

Salvino Spiteri
MEMBRU

Christine Galea
SEGRETARJA

mrg